TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/118/20/S

Allan Vella, Antonia Vella u Peter Vella
Vs
Jurgen Zahra u Duminku Zahra

Illum 14 t'Ottubru,2021.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Allan Vella, Antonia Vella u Peter Vella pprezentata fis-7 ta'Settembru,2020 filwaqt li Jurgen Zahra u Duminku Zahra, ghalkemm debitament notifikati, baqghu la pprezentaw risposta u lanqas deheru biex jikkontestaw t-talba rikorrenti;

Ra d-dokumenti pprezentati u sema' lir-rikorrenti Antonia Vella u Allan Vella;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda depozitu mhallas ghal xoghol li baqa' ma sarx mill-intimati;

Illi jinghad mal-ewwel li l-intimati naqsu milli jwiegbu ghat-talba ta' Allan Vella, Antonia Vella u Peter Vella u lanqas deheru ghas-seduti li saru;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik tar-rikorrenti Vella li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mill-intimati;

Illi n-nuqqas ta' dehra tal-intimati ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrenti Antonia Vella u Allan Vella xehdu li hallsu l-ammont ta' €2500 biex jinxtara l-materjal u s-saljaturi mill-intimati;

Illi min-naha l-ohra l-intimati ma deherux biex jitfghu dawl fuq din it-talba u lanqas biex jaghtu l-verzjoni taghhom;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Allan Vella, Antonia Vella u Peter Vella u Jordna lill-intimati Jurgen Zahra u Duminku Zahra ihallsu lura lil Allan Vella, Antonia Vella u Peter Vella s-somma ta' €2500 u bl-interessi mid-data tal-llum. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-intimati Jurgen Zahra u Duminku Zahra.

Richard Sladden Av.
Arbitru